**MALTA**

**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Illum 5 ta' Dicembru, 2016**

**Rikors Nru: 382/2016MH**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Jason Caruana (K.I. Numru 90176(M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti fejn gie sottomess:

**"Rikors Guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c.(C 2833)**

**Tesponi bir-rispett u Johanna Bartolo (K.I. numru 125969 (M)) ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament;**

1. **Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti in atti n-Nutar Dottor Malcolm Licari datati 12 ta' Marzu 2010 (Dok. "A" u "B") u permezz ta' skrittura privata datata 31 ta' Ottubru 2011 (Dok. "C") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Jason Caruana.**

2. **Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Jason Caruana fis-somma ta' wiehed u hamsin elf, tmien mija u tnejn u sebghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€51,872.47) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Jason Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D2" , Dok. "E" u Dok. "F") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-5 ta' Novembru 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament;**

3. **Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A" , "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jason Caruana**

   **(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura,**

   **(b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew,**

   **(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Jason Caruana li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.**

4. **Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment**

5. **Illi l-konvenut Jason Caruana gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Gunju 2012 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "G", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.**

**Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-konvenut ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti Tilqa it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha :**

1. **Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jason Caruana (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Jason Caruana li jipperikolaw jew jaffettwaw**

**hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.**

2. **Tikkundanna lil Jason Caruana jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u hamsin elf, tmien mija u tnejn u sebghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€51,872.47) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Jason Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D2" , Dok. "E" u Dok. "F") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-5 ta' Novembru 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Mingħajr pregudizzju għall-somom oħra ta' flus dovuti mill-konvenut Jason Caruana lis-soċjetà attriċi li għalihom is-soċjetà attriċi qed tipprocedi f'ġudizzju separat.**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Gunju 2012 (Dok. "G") kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni".**

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-21 ta' Ottubru, 2016;

Illi ghalhekk il-Qorti, fuq ammissjoni, qed tilqa' t-talbiet tal-bank rikorrenti u filwaqt li tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jason Caruana (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Jason Caruana li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, qed tikkundanna lil Jason Caruana jhallas is-somma ta' wiehed u hamsin elf, tmien mija u tnejn u sebghin Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€51,872.47) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Jason Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1" sa "D2", Dok "E" u Dok "F" flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-5 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament u dan minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenut Jason Caruana lis-socjeta attrici li ghalihom is-socjeta attrici qed tipprocedi f'gudizzju seprarat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Gunju 2012 (Dok "G") kontra l-konvenut.

Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ispejjez tal-kawza.

Moqrija

Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.
Imhallef

John Muscat
Deputat Registratur